MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 881/2003

**Zvetlana Mercieca ammessa ghall-beneficcju ta' l-Ghajnuna Legali b'digriet tal-11 ta' Awissu 2003**

**vs**

**Christian Formosa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-
Illi l-attrici ghandha relazzjoni mal-konvenut, Christian Formosa;

Illi minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija fit-12 ta' Jannar 2003 li nghatat l-isem ta' Britney (Dok. "A") u fit-18 ta' Jannar 2004 twieldet ukoll it-tarbija li nghatat l-isem ta' Kelsey.

Illi l-attrici issa regghet harget tqila mill-konvenut u fil-fatt twieldet l-istess tarbija Kelsey;

Illi l-attrici tixtieq li tinghata l-kura u l-kustodja tat-tarbija, Britney u ta’ Kelsey.

Illi hija qed titlob, fuq rikjesta tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, li din il-Qorti tiffissa l-manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut ghat-tarbija, Britney, kif ukoll ghall-minuri, Kelsey;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li mir-relazzjoni ta’ bejn il-kontendenti twieldet tarbija fit-12 ta’ Jannar 2003 li nghatat l-isem ta’ Britney u ukoll twieldet it-tarbija fit-18 ta’ Jannar 2004 li nghatat l-isem ta’ Kelsey.

2. Tordna li l-kura u kustodja tat-tarbija, Britney, u tat-tarbija Kelsey tinghata lill-attrici;

3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma li tigi stabbilita mill-Qorti bhala manteniment ghall-minuri, Britney kif ukoll ghall-minuri, Kelsey.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 u 6 tal-process;

Rat li l-attrici talbet li tigi ammessa ghall-beneficcju gratuitu fil-25 ta’ Lulju 2003;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Awissu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali, Louisa Tufigno bhala Difensuri ta’ l-Ghajnuna Legali;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (*a tergo* ta' fol. 17) huwa ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2004 fejn deher il-konvenut li ddikjara li huwa ma qabbadx Avukat u ddikjara bil-gurament li jahdem bhala mastrudaxxa mal-kumpanija Fitwell u jaqla` mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240) netti fix-xahar;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 16 ta' Frar 2004 fejn talbet li ssir korrezzjoni fic-citazzjoni attrici;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat l-1 ta' April 2004 fejn laqghet it-talbiet tal-attrici fir-rikors taghha datat 11 ta' Marzu u ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji, sabiex l-istess tarbija, Kelsey, tigi inkluza fit-talbiet u premessi kollha attrici, u dan id-digriet qed jigi kkonfermat permezz ta' din is-sentenza, b'dan li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji konsegwenti ghall-istess twelid tat-tarbija Kelsey fil-korp tac-citazzjoni attrici u fit-talbiet attrici.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-11 ta' Marzu 2004 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha;

Rat li l-konvenut ma jopponix ghat-talba attrici;

Rat il-verbali tas-seduta ta' l-1 ta' April 2004 fejn il-Qorti ordnat il-korrezzjonijiet mitluba u l-partijiet iddikjaraw li l-konvenut qieghed ihallas manteniment ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar; il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum, 8 ta' Gunju 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza ma humiex kontestati u fil-fatt jirrizulta li l-kontendenti, Zvetlana Mercieca u Christian

Formosa, huma l-genituri ta' Britney, li twieldet fit-12 ta' Jannar 2003 u ta' Kelsey, li twieldet fit-18 ta' Jannar 2004. Iz-zewg partijiet jghixu flimkien ma' uliedhom. Illi jirrizulta li l-konvenut jahdem u ghandu paga ta' mitejn u erbghin lira Maltija (Lm240) netti fix-xahar u jidher li qed imantni wkoll lill-attrici, li ma tirrizultax li tahdem, u qed jissoministra lill-istess attrici bhala manteniment ta' uliedhom is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar.

Illi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li l-istess partijiet ma humiex f'pozizzjoni finanzjarja tajba u jidher li hemm qbil bejn l-istess partijiet dwar din ir-rata ta' manteniment ghall-minuri, u allura din il-Qorti thoss li tali rata ghandha tigi adottata bhala manteniment mill-konvenut, ghall-istess minuri. Dwar it-talbiet l-ohra, l-istess talbiet ma humiex kontestati mill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa` t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li mir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti twieldet tarbija fit-12 ta' Jannar 2003 li nghatat l-isem ta' Britney u ukoll twieldet it-tarbija fit-18 ta' Jannar 2004 li nghatat l-isem ta' Kelsey;

4. Tordna li l-kura u kustodja tat-tarbija, Britney, u tat-tarbija Kelsey tinghata lill-attrici;

5. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghan-nom ta' uliedha, l-istess minuri, Britney u Kelsey, is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar bhala manteniment u dan pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------